MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 132/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta’ April 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici A  nee’ Briffa u l-konvenut **B**  Douib izzewgu fit-18 ta’ April 2001;

Illi l-kunsens l-attrici inkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li mix-xorta fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u nvalidu fil-ligi;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-18 ta' April 2001 fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (c), 19 (d) u 19 (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fis-19 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet tletin (30) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-attrici A datata 22 ta' Gunju 2004, a fol. 11, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta' **ohtha Mariella Green** u **Henry Haig**.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 7 ta' Settembru 2004, a fol 21, fejn ecciepixxa bir-rispett:

1. Illi z-zwieg ikkontrattat bejnu u A fit-18 ta' April 2001 huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Illi ma huwiex minnu li l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga bejn il-kontendenti;

3. Illi ma kien hemm l-ebda vizzju serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga bejn il-kontendenti li jannulla z-zwieg kif hemm premess fic-citazzjoni;

4. Illi qatt ma kien hemm l-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg bejn l-esponenti u bejn martu, jew ta' xi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg kif allegat fic-citazzjoni;

5. Illi mis-suespost isegwi illi t-talba attrici ghall-annullament taz-zwieg *de quo* hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici;

6. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 22 u fol. 23 tal-process.

Rat il-verbal datat 11 ta' Jannar 2005, fejn Dr. Joanna Vella Cuschieri ghall-attrici ddikjarat li ma ghandhix provi izjed.

Rat il-verbal datat 23 ta' Frar 2005, Dr. A Cherett pprezentat l-affidavit tal-konvenut *seduta stante* u ghaddiet kopja lill-kontroparti, li rriservat li tipprezenta zewg affidavit ohra fi zmien tletin (30) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala sabiex jiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet.

Rat in-nota tal-konvenut **B** Douib datata 23 ta' Frar 2005, a fol. 27, li permezz taghha prezenta l-affidavit **tieghu**.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 8 ta’ Marzu 2005, a fol. 40, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex tawtorizzaha tesebixxi b’ mod permanenti l-affidavit ulterjuri taghha.

Rat id-digriet datat 9 ta’ Marzu 2005, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat l-affidavit ulterjuri tal-attrici **A** , a fol. 43 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fid-29 ta’ Marzu 2005, a fol. 44, fejn ma sar xejn.

Rat ir-rikors tal-konvenut **B** Douib, datat 30 ta’ Marzu 2005, a fol. 46, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex takkordalu estensjoni tat-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavit fil-mori tad-differiment.

Rat id-digriet datat 1 ta’ April 2005, fejn il-Qorti laqghat it-talba u estendiet iz-zmien b’ erbghin (40) gurnata.

Rat in-nota tal-konvenut datat **B** Douib, datata 9 ta’ Mejju 2005, a fol. 48 li permezz taghha prezenta l-affidavit ta’ **Nazzareno Abela** u ta’ **Saviour Abela**.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-30 ta’ Mejju 2005, fejn xehed **B** Douib in konto-ezami.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia a fol. 58.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Gunju 2005, fejn id-difensuri qablu li l-provi gew maghluqa quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta’ Ottubru 2005.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

**I) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici qed titlob li z-zwieg celebrat fit-18 ta’ April 2001 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (c), (d) u (f) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *“B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(c) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”.*

*(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi l-attrici ssostni li l-kunsens taghha huwa null a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (c):**

Illi element importanti ta’ dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa mmaterjali jekk tali qerq jorigina minn naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt, jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta’ wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista’ jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f'**"The New Marriage Law"** jghid li *"As T. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll il-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 – Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-artikolu 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita` ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il propjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (****Viladrich*** **P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. –** Caparros, E. et al. Ed) 1993, Wilson and Lafleur, Montreal).

Illi l-Qrati taghna, nkluz fis-sentenza "**Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova**" (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra ("**Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et**" (P.A. 22 ta' Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra l-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja Ii taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti Ii taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** fit-trattat **'L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP)

29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u diversi sentenzi ohrajn u tirreferi u taddota ghalhekk l-istess principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is*

*important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad dwar id-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, fis-sentenza **“Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed”** (P.A. (NA) 27 ta’ Lulju 1999) u cioe`:-

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq ‘a partnership for life’”.*

*“Mill-gurisprudenza nostrana, jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta’ u l-assistenza, l-unita’ u l-indossubilita’ taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta’ ghajnuna u ta’ assistenza lil xulxin, b’impenn shih a favur ta’ xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-‘communio vitae’. Fil-kawza **“Micallef vs Micallef”** deciza fl-4 ta’ Mejju 1993, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi ‘element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja (‘communio vitae’) bejniethom”.*

Illi fl-ahharnett rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-

simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-*

*kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mall-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-*

*"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero` fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi*

*eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenzi ricenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Lydia Musu' vs Dr. Ian Spiteri Bailey"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u **"Francis Agius vs Dr. Christopher Cilia *et*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li *"huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew / u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu".*

Illi fis-sentenza **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) inghad li:-

*"Illi min-naha l-ohra l-konvenut kellu f'mohhu haga wahda biss u cjoe' li juza lill-attrici sabiex jakkwista stat ta' mizzewweg lill-Maltija u b'hekk ikun jista' jkollu d-dritt ta' moviment hawn Malta u jibqa' jghix Malta, … … … … … Kull diskrezzjoni ta' gudizzju fuq kull element taz-zwieg, anke' l-iktar wiehed minimu ta' konvivenza almenu apparenti kien ghalhekk ghal kollox nieqes mill-istess konvenut".*

**<u>(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi fl-ewwel lok u ghal kull effett u bwon fini tal-ligi din il-Qorti tordna l-korrezzjoni tac-citazzjoni attrici fis-sens li fit-talba attrici id-data ta' l-20 ta' Marzu 2000 ghandha tigi kkancellata w sostitwieta bid-data tat-18 ta' April 2001 u dan peress li z-zwieg li qed jigi attakat mill-attrici huwa dak bejn il-partijiet tat-18 ta' April 2001 u ghalhekk jidher li fit-talba attrici sar zball dattilografu dwar id-data taz-zwieg

bejn il-partijiet, kif ukoll jidher mid-data citata dejjem miz-zewg partijiet fl-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Illi fil-fatt l-attrici A nee’ Briffa u l-konvenut **B** Douib izzewgu fit-18 ta’ April 2001 bir-rit civili u l-attrici hija ta’ nazzjonalita’ Maltija filwaqt li l-konvenut huwa Agerin. Iltaqghu fis-sena 1999 meta l-attrici kienet tahdem tnaddaf fl-iskola ta’ l-Immakula Koncizzjoni tal-Hamrun u l-konvenut kien jahdem, skond l-attrici bla ktieb bhala xufier ta’ van iwassal it-tfal ta’ l-iskola.

Illi l-versjoni ta’ l-attrici hija li l-konvenut mill-ewwel avvicinaha sabiex mhux biss tohrog mieghum izda wkoll insistenza kbira sabiex tizzewgu. Hija tghid li dan kien jaghmlu peress li kien qed jahdem hawn Malta illegalment, ghalkemm ma kinitx taf jekk kienx jghix hawn Malta bla permess, minkejja l-fatt li spiss kienet taf li kien ikun msejjah biex imur d-depot tal-Pulizija. L-attrici harget mal-konvenut pero’ ma’ accettatx li tizzewgu sakemm gara li miet missierha ma’ min l-attrici kienet tghix ma’ hutha u meta marret ommha toqghod maghha, jidher li inqala’ dizgwid bejniethom tant li l-istess attrici kienet kostretta anke tikkonsidra li tghix band’ohra, u kien hawn li cediet ghall-avvanzi tal-konvenut sabiex tizzewgu. Iz-zwieg sar mhux bir-rit religjuz kattoliku, ghaliex il-konvenut dan ma’ kkonsidrahx, izda bir-rit mussulman, u wara bir-rit civili u din il-kawza qed issir proprju sabiex jigi attakat dan iz-zwieg bir-rit civili.

Illi dejjem skond l-attrici mill-ewwel il-konvenut beda jaghmel ta’ rasu, johrog meta jrid huwa, jmur id-dar meta jrid u kemm-il darba ma raqqadx id-dar, ghaliex kien jghid li qieghed xoghol, u ma kienx jghati kaz l-attrici hlief ovvjament meta jkollu bzonnha bhal meta kkonvinciha li tbiegh il-karozza, u wara li nqata’ d-dejn, ha s-somma ta’ Lm2000 lill-attrici ddeposita fuq ismu u siefer ghal hmistax. Meta gie lura hu qal lill-attrici li kien laghabhom; hawn l-attrici telqet mid-dar matrimonjali wara biss ftit xhur li zzewget u tghid li hemm saret taf li l-konvenut kien qed jghix ma’ Sirjana f’Bugibba u kellhom ukoll tarbija.

Illi din l-versjoni hija kkorobortha minn Mariella Green oht l-attrici li kkonfermat li l-attrici zzewget ghaliex kellha l-inkwiet ma' ommha li wara l-mewt ta' missierhom ma riditx li l-attrici tghix maghha, ghaliex riedet tghix fid-dar mar-ragel li kellha relazzjoni mieghu u kien ghalhekk li l-attrici zzewget lill-konvenut – minkejja l-fatt li skond din ix-xhud kemm hija u kemm ohta Rita kien avzaw lill-attrici sabiex toqghod attenta mill-konvenut ghaliex zewgha kien qalla li l-istess konvenut kien ikun spiss id-depot tal-pulizija ghaliex kellu problemi dwar il-visa tieghu ghal Malta. Hija kompliet tghid li l-konvenut ma' kellux intenzjonijiet sincieri u dan peress li mill-ewwel beda' jghid lill-attrici mhux biss sabiex johorgu flimkien izda sabiex jizzewgu. Tghid li l-attrici cediet biss u zzewget lill-konvenut meta giet imkeccija mid-dar t'ommha u jidher li ghalkemm din ix-xhud u ohtha Rita regghu avzawha li b'hekk ma' kienet ser isolvi xejn peress li l-konvenut ma' kellux intenzjonijiet serji, izda biss ried jinqeda bl-attrici, deher car li l-attrici hasset li sabiex tehles mill-inkwiet li kellha ma' ommha ma kellhiex soluzzjoni ohra, hlief li taccetta l-avvanzi konsistenti tal-konvenut. Tghid li z-zwieg sehh f''temp ta' xahrejn massimu tlett xhur bla ebda preparazzjoni ta' xejn hlief li x-xhud ghamlitlha naqra ta' party ghandha. Mill-ewwel kien jidher li l-attrici giet abbandunata mill-konvenut u spiss kienet tmur ghand ommha. Mill-bqija tikkonferma dak ukoll li tghid l-attrici.

Illi dwar dan xehed ukoll habib tal-familja Henry maghruf bhala Harry Haig fl-affidavit tieghu tal-21 ta' Gunju 2001 li kien ilu jaf lill-attrici mindu din kellha sentejn u kienu jsibuh bhala z-ziju tat-tfal u ta' l-attrici. Jikkoroborha l-fatt li omm l-attrici ma' kienet mhux biss ma' taqbel xejn ma' l-attrici u mal-bniet in generali, izda wkoll li ma' riditx lill-attrici tghix maghha. Illi dwar ir-relazzjoni ta' l-attrici mal-konvenut l-istess xhud jghid:-

*"Sa minn meta ltqajt ma'* ***B*** *meta kien johrog ma' A jien mill-ewwel inkwetajt li* ***B*** *ma' kienx johrog ma' A ghaliex verament riedha izda biss biex jizzewweg u b'hekk ikun jista' jibqa' jghix Malta. Jiena kont avzajt b'dan kollu lil A izda dak iz-zmien A minhabba l-inkwiet li kellha ma' ommha kienet lesta taghmel kollox biex tizzewweg u titlaq*

*mid-dar ta' ommha. Meta jien kont navza lill-omm l-attrici biex tiftah ghajnejn A  dwar l-izball li kienet qed taghmel, omm l-attrici ma' kienet taghmel xejn anzi kienet twissini biex lanqas lil A  ma' nghidilha xejn".*

Illi dwar dan il-konvenut ma' jaqbilx u l-affidavit tieghu tat-23 ta' Frar 2005 jikkonferma t-tezi tieghu, in verita' konsonanti ma' dak li qal fl-eccezzjonijiet tieghu fejn jghid li huwa kien ilu Malta minn 1997 u kien inghata l-istatus ta' refugjat  u kellu wkoll *work permit* tant li  kien jahdem bhala xufier ma' "Ciancio" u fin-1999 kien iltaqa' ma' l-attrici bhala xufier. Kien sar hbieb ma' l-attrici, hareg maghha jiehu ghal drink bhala hbieb u qatt ma' kellu intenzjoni ohra hlief ta' habib; jghid li wara 4 snin li sar jaf lill-attrici kienet saqsiethu sabiex jizzewwigha; jghid li inhasad kemm ghaliex ma' kellhux ebda hsieb li jizzewweg lill-attrici u kemm ghaliex qal li z-zwieg mhux hekk izda trid preparament u impenn u hsieb – qal ukoll li bhala Musulman ma setghax jizzewweg hekk jekk ma' jkunx cert fuq il-persuna. Minkejja dan jghid li kien mar id-dar ta' ommha li kienet laqatghu hafna; zamm kuntatt ma' Monsinjur Philip Calleja u wkoll ghamel kors ma' l-ETC bhala xufier ta' karozza tal-linja. Jghid li kien jinforma lill-attrici b'kollox anke li kien immur id-depot sabiex igedded il-visa u dan ghaliex kellu status ta' refugjat.  Ikompli jghid li meta kien ser jizzewweg lill-attrici beda jirranga d-dar li kienet mikrija ghandu z-Zejtun. Jghid li kien johrog bil-lejn ghaliex kien jahdem hafna sabiex jirranga d-dar u damu biex jizzewgu ghal aktar minn sena – jghid li wara z-zwieg l-attrici kienet spiccat bla xoghol u kien ihallas il-pagamenti tal-karozza taghha huwa u kien sabilha xoghol iehor li hija hadhet biss wara 8 xhur. Jghid li kien sar konvenju datat 3 ta'Jannar 2002 sabiex jixtri post u dan ma' sehhx ghaliex l-attrici ma' riditx tiffirma sabiex tissellef mill-Bank. Jghid li huma ppruvaw ukoll ikollhom it-tfal izda dan ma' rnexxhiex u jghid li marru ghand tobba li ma' qatawlhomx qalbhom. Jghid li l-attrici telqet mid-dar habta u sabta ghalkemm jghid li kienet tbati mill-burdati; jghid li pprova jzommha biex toqghod mieghu, izda ma' riditx taf bih izjed – jghid li ghaliex ma' jafx

Illi dwar dan Nazzareno Abela jghid li l-konvenut kien hadem u stinka hafna billi hadem sieghat twal sabiex jipprepara ghal dan it-tieg – jghid li *"niftakar ukoll li kien sar festin tat-tieg f'garaxx fiz-Zurrieq"* (affidavit datat 7 ta' Mejju 2005 – fol. 49). Saviour Abela qal li l-konvenut kien jahdem mieghu bhala xufier tal-mini buses u kien jipprepara hafna ghat-tieg u *"kien anke lesta xi affarijiet mal-bank biex jixtri post fejn joqghod ma' A "* (affidavit 7 ta' Mejju 2005 a fol. 50 tal-process).

Illi ovvjament jidher li hemm zewg versjonijiet pero' wara li din il-Qorti fliet ix-xhieda kollha moghtija hija thoss li f'dan il-kaz ma' hemm l-ebda dubju li l-versjoni tal-konvenut ma hijiex veritiera u dan peress li fiha wisq inkonsistenzi fiha sabiex titwemmen u dan apparti li hija inverosimili; fil-fatt jghid diversi affarijiet li juri li litteralment ma' huwiex qed jghid il-verita' bhal meta jghid li *" wara xi erba' snin li jiena sirt naf lil Chairmaine"* (fol.29), meta dan kien impossibbli peress li huwa sar jaf lill-attrici biss fis-sena 1999 u sa' April 2001 kien gja mizzewweg; jghid li kienet l-attrici li saqsiethu biex jizzewweg u huwa qatt ma' kellu hsieb li jizzewweg lill-attrici – f'daqqa wahda jghid li tghidx kemm hadem u pprepara ghaz-zwieg – dawn huma certament zewg versjonijiet ta' l-istess konvenut li ma' jaghmlux sens.

Illi jghid li saru minnu hafna preparamenti ghaz-zwieg – in fatti kull ma' sar kien festin zghir ghand oht l-attrici; ix-xhieda prodotti minnu li huma nies li kien jahdem maghhom jghidu li l-istess konvenut kien jahdem hafna sabiex jipprepara ghat-tieg – kull ma' sar kienet biss cerimonja normali ta' zwieg civili bi hwejjeg normali u festin li hadhet hsiebu l-attrici; jghid li damu sena u iktar sabiex jippreparaw ghat-tieg – il-provi kollha juru li fil-fatt kollox sar fi ftit xhur; jghid li ma' kienx jaf li kien hemm disgwid bejn l-attrici u ommha hlief wara t-tieg u dan meta skond huwa omm l-attrici riedet li tghix maghhom – versjonijiet ghal kollox kontradittorji u mhux veritieri; ix-xhieda minnu prodotti jghidu li kien ser jissellef mal-bank biex jixtri post –haga li *se mai* kienet ser issir wara – almenu d-data tal-konvenju li ma' sar xejn dwaru hija dik ta' Jannar 2002 meta l-partijiet izzewgu f'April 2001.

Apparti dan jidher li l-istess konvenut kellu l-bzonn li bhala refugjat jgedded il-visa perjodikament – dan jidher li mid-dokumenti li esebixxa huwa stess giet imgedda sa’ Mejju 2001, meta l-partijiet izzewgu f’April 2001, u s-sitwazzjoni baqghet hekk sa llum. Sinfikanti dak li xehdet l-attrici fl-affidavit taghha datat 8 ta’ Marzu 2005 fejn qalet li l-konvenut kien cempilha u heddidha li jekk ma’ tiffermalhux il-karti ta’ Kastilja sabiex jakkwista c-cittadinanza Maltija huwa ma’ kienx ser jaghtiha l-annullament; hija qaltlu biex kellem lill-avukat taghha izda dan ma sarx u l-attrici tghid li hija ma kinitx lesta li taghmel dak li qalilha l-konvenut u dan peress li bhala fatt kienet ilha snin ma’ tghix mieghu. Il-konvenut dan l-incident ma ammetiehx pero’ din il-Qorti abbazi ta’ dak kollu li semghet taghti kredibilita’ lill-versjoni ta’ l-attrici, li hija konsistenti, verosimili max-xhieda kollha taghha u x-xhieda minnha prodotta u wkoll kkoroborata mill-provi kollha prodotti fuq l-versjoni kollha attrici.

Illi dwar ir-relazzjoni ma’ mara ohra l-ewwel jichad li dan huwa hekk u fl-istess kontro-ezami jghid “naghzel li ma nirrispondhiex – ghall-mistoqsija jekk kellhux tarbija min din il-mara l-ohra jghid li “*naghzel li ma’ nwiegebx”.*

Illi minn dan kollu din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju sabiex tikkonkludi li wara li ezaminat bir-reqqa x-xhieda kollha prodotta jidher li l-konvenut uza lill-attrici sabiex jkun jista’ jakkwista l-istatus ta’ ragel mizzewweg mara Maltija u din kienet certament tghinu sabiex ikompli jghix u jahdem Malta; jidher li ghalhekk uza l-attrici u ghal xejn izjed u qatt ma’ kellu intenzjoni li jghix ma’ l-attrici bhala ragel taghha u fil-fatt, minkejja dak li jghid huwa bla ebda konvinzjoni, dan ma sehhx u mill-ewwel baqa’ jghix hajtu u jaghmel li jrid tant li fi ftit xhur l-attrici telqet lill-konvenut ghaliex indunat li kien sfrutta mhux biss b’dan is-suppost zwieg, li kien biss wiehed ta’ konvenjenza *par excellance* – izda wkoll billi l-istess konvenut approffitta ruhu mill-flus ta’ l-attrici u hadhomlha wkoll – approfitta ruhu wkoll mill-fatt li l-istess attrici kellha konflitt ma’ ommha u dan sfruttah ghall-iskopijiet tieghu u din il-Qorti thoss ghalhekk li l-istess konvenut qarraq bl-attrici u wkoll ssimula l-kunsens tieghu abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi l-attrici jidher car li zzewget lill-konvenut biss ghaliex minhabba l-konflitt li kellha ma' ommha hija sabhet bhala refugju l-offerta persistenti tal-konvenut ghaz-zwieg u ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kuntest l-istess konvenut qarraq biha u ried juzaha ghal-iskopijiet tieghu u ghalhekk il-kunsens taghha kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn premess,** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg civili bejn il-partijiet tat-18 ta' April 2001 fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *stante* li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** u dak tal-konvenut kien vizzjat abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------